



Qait Bey, Alexandria (EG), wieħed mill-postijiet fejn saret il-Lejla ta' Djalogu



© 1001 Actions for Dialogue



POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT: IS-SOĊJETÀ ĊIVILI U L-KULTURA

IL-POTER TAL-POPLU


Politika Ewropea tal-Viċinat

ec.europa.eu/world/enp

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni
B – 1049 Brussell
enp-info@ec.europa.eu

NF-30-08-002-MT-D

- Stati Membri tal-UE
- Pajjiżi msieħba fl-ENP
- Kandidati għal sħubija fl-UE
- Kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE



Iljieli mediterrani

Fit-22 ta' Mejju 2008, għexieren ta' għeluf ta' persuni minn madwar l-Ewropa u l-Mediterran ingħaqdu flimkien għal lejla ta' divertiment, mużika, kultura u ikel.

Il-Lejla ta' Djalogu fittxet li tippromwovi l-ftehim u l-koeżistenza billi enfasizzat il-wirt kulturali komuni tar-reġjun tal-Mediterran, il-'punt fejn jingħaqdu ċ-ċiviltajiet'. Dibattiti pubbliċi, kunċerti, festivals tal-ikel, u ħafna aktar, seħħew f'Lixandra, Istanbul, Barċellona, Bejrut, Venezja, Avignon, u bliet u rħula oħra fi 37 pajjiż.

Fi Sqallija – li ilha post fejn jgħixu ċ-ċiviltajiet tal-Mediterran, inkluż dik Griega, Rumana, Nisranija u Islamika – il-Lejla ta' Djalogu f'Palermo kienet konversazzjoni kulturali wiesgħa. Din inkludiet numru ta' seminars internazzjonali, li laqqgħu flimkien nies minn madwar ir-reġjun biex jiddiskutu l-koeżistenza kulturali, u ikljet fejn il-komunitajiet barranin kienu mistiedna jiġu u jitħalltu man-nies tal-lokal.

Elf inkontru kulturali u wieħed

Il-Lejla kienet parti minn inizjattiva aktar wiesa', l-1001 Azzjoni ta' Djalogu, imniedi mill-Fondazzjoni Anna Lindh.

Permezz ta' din l-inizjattiva, il-Fondazzjoni fittxet li timmobilizza n-netwerk tagħha ta' soċjetà ċivili sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni, tisfida l-estremiżmu, u tgħin lin-nies jerġgħu jiskopru l-għeruf u l-wirt komuni tagħhom.

"Din hija probabbilment l-aktar azzjoni ta' suċċess tagħna s'issa," josserva Paul Walton mill-Fondazzjoni. "L-għan kien li nimmobilizzaw in-netwerk tagħna. Fi ftit aktar minn xahar, saru aktar minn elf attività fuq il-kosti tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Mediterran."

Ugwaljanza mingħajr riżervi

Il-Ġordan huwa impenjat lejn il-kawża tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ffirmat l-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), iżda jżomm ċerti riżervi.

Il-moviment enerġetiku tan-nisa tal-Ġordan kien qed jaħdem ħafna għall-ugwaljanza totali bejn is-sessi. "Aħna bdejna kampanja bis-slogan ta' 'ugwaljanza bla riżervi', tgħid Leila Hamarneh mill-Organizzazzjoni tan-Nisa Għarab (AWO) tal-Ġordan.

Is-sessi fuq l-aġenda

L-NGO appoġġjata mill-UE ingħaqdet ma' gruppi oħra tan-nisa sabiex jaħdmu għall-progress. Fl-2007, fid-39 sessjoni tal-Kumitat CEDAW, ippreżentaw l-ewwel 'shadow report' li qatt sar fuq il-Ġordan.

Il-koalizzjoni għamlet ukoll kampanja kontra l-vjolenza domestika u għaddiet liġi li espliċitament tippoteġġi lin-nisa kontra dan l-abbuż fil-familja.



KUMMISSJONI EWROPEA
Relazzjonijiet Barranin



Stħarriġ reċenti sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma favur kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi ġirien. Huma jemmnu li rabtiet aktar mill-qrib jistgħu jsaħħu l-paċi u d-demokrazija.

Dan huwa dak li tittratta l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP). Żviluppata fl-2003/2004 bil-għan li tressaq lill-UE mkabbra u lill-ġirien tagħha aktar qrib xulxin, l-ENP tittratta t-teħid ta' azzjoni konkreta sabiex jiġu appoġġjati riformi u biex issaħħaħ il-prosperità: biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-viċinat tagħna.

Allura kif taħdem? L-UE u kull wieħed mill-ġirien tagħha jaqblu fuq kif jibnu relazzjonijiet aktar mill-qrib u jappoġġjaw riformi fuq perjodu ta' tlieta sa ħames snin. L-impenni kongjunti huma mfissra f'hekk imsejja Pjanijiet ta' Azzjoni. Il-ħila u l-finanzi (kważi €12-il biljun mill-2007 sal-2013) huma disponibbli taħt l-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew' (ENPI) sabiex jgħinu bil-modernizzazzjoni u r-riforma.



Żgħażaġħ Ukraini iħeġġu lill-votanti jmorru jivvutaw.



Imane Masbahi

Ngħinu lill-għeruw biex jissedqu

Soċjetà tistagħna meta l-għeruw tagħha huma b'saħħithom u mħarsa sew. NGOs, karitajiet, gruppi ta' attivisti, assoċjazzjonijiet kulturali u politiċi, gruppi ta' artisti, gruppi li jagħtu l-pariri jew l-ideat, u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili kollha għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tad-djalogu fil-komunità, u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

Qasam wieħed li l-ENP tiffoka fuqu b'mod partikolari huwa l-promozzjoni ta' djalogu bejn il-bnedmin. Dan jiġbor fih kollox, mill-arti sal-libertajiet ċivili; minn festivals tal-mużika għal dibattiti akkademiċi. Il-laqqgħat u l-iskambji, anke meta jkunu konfliġġenti, jgħinu biex nissedqu, jibnu l-ftehim u jneħħu t-tensjonijiet.

F'ċinema qrib tiegħek

Imane Masbahi hija l-unika distributur tal-films femminili fil-Marokk. Wara li studjat ix-xeneġġjatura u d-direzzjoni tal-films fl-Eġittu, il-'Hollywood' tad-dinja Għarbija, hi żviluppata passjoni għaċ-ċinema Eġizzjana. Kważi għaxar snin ilu, hija bdiet kumpanija żgħira biex tiżviluppa niċċa fil-Marokk għall-films prodotti fl-Eġittu.

Għalkemm iċ-ċinema Eġizzjana hija popolari ħafna fil-Marokk, ġeneralment dawk il-produzzjonijiet l-aktar kummerċjali jaslu fil-pajjiż, u n-nies għandhom it-tendenza jaraw il-films Eġizzjani d-dar, minflok fiċ-ċinema. Fiċ-ċinema, aparti l-films Marokkini, l-aħjar li jmorru huma l-films ta' Hollywood u Bollywood.

"Il-kompetizzjoni mill-Istati Uniti u mill-Indja affettwat ħażin id-distribuzzjoni ta' films Għarab," tispjega Masbahi. "U b'ħafna films illegali fl-idejn, hija iktar diffiċli li tiġbed l-udjenzi lejn iċ-ċinema espeċjalment għal films serji."

Suċċess kummerċjali fiċ-ċinema


Bħala ħuta żgħira f'vaska kbira, Masbahi kellha wkoll in-nuqqas ta' riżorsi biex tippromwovi l-films tagħha bl-istess mod bħad-distributori ta' films Amerikani u Indjani, mingħajr ma nsemmu l-pubbliċità kollha li jirċievu permezz ta' kopertura kbira mill-midja. Pereżempju dan għamel l-isfida tal-promozzjoni ta' drammi politiċi li jħallu impatt, aktar diffiċli.

Bil-għajjuna tal-programm Awdjoviżiv tal-Euromed ifffinanzjat mill-UE, Masbahi rnexxielha tgħolli l-profil taċ-ċinema Eġizzjana fil-Marokk. Hi setgħet tiflaħ tħallas għal kampanji ta' promozzjoni xierqa li tkopri billboards fuq barra, mezz stampati u saħansitra t-televiżjoni.

U dan ħalla l-frott tiegħu. L-aħħar kontribut tagħha, satira politika Eġizzjana dwar il-korruzzjoni, kellu d-distinzjoni mhux tas-soltu li jkun l-aktar wieħed ta' suċċess fil-klassifika tal-akbar katina ta-ċinema fil-Marokk għal tliet xhur sħaħ.



© Galya Andrushko



David Akhvediani

Ingħaqad mal-karavan taċ-ċellulojd

Il-karavani ġarrew nies, oġġetti, ideat u kultura madwar il-Mediterran għal eluf ta' snin. Billi ġabet din it-tradizzjoni fis-seklu 21, il-Karavann taċ-ċinema Ewro-Għarbija ilu jieħu l-films minn naħa għall-oħra bejn iż-żewġ reġjuni sa mill-2006, b'appoġġ mill-programm Awdjoviżiv tal-Euromed.

Dan jorganizza attivitajiet ċinematografiċi regolari fi bliet differenti fir-reġjun tal-Mediterran u fid-dinja Għarbija f'tentattiv biex tippromwovi d-djalogu kulturali permezz tal-arti tal-produzzjoni tal-films. Fl-2008, il-karavann ip-parkja f'Pariġi u wera films minn diretturi femminili mid-dinja Għarbija.

Perspettivi ġodda

David Akhvediani, ġurnalist zagħżuġh ma' *Resonanzi*, ġurnalist indipendenti ta' kuljum fil-Ġorġja, jħoss li l-involvement tiegħu mas-CCJN għenu sabiex jara stampa aktar wiesgħa. "Jien dejjem qed nitgħallem xi ħaġa ġdida," jgħid, bħal pereżempju l-fatt li hemm minoritajiet fl-Armenja, kuntrarjament għat-twemmin popolari Ġorġjan.

"Ir-rappurtaġġ tiegħi mar għall-aħjar. Jiena nivverifika l-fatti b'aktar reqqa u nuża aktar sorsi biex nikseb perspettiva diversa," jgħid Akhvediani.